MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 3/2013

**Jeanette DEGIORGIO**

**Vs**

**Simon BROWN**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-8 ta' Jannar, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett elef mitejn hamsa u sittin euro u erbghin ċenteżmi ta' euro [€3,265.40] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-kontendenti partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat fit-28 ta' April 2012 [recte:2010] in atti Nutar Louisa Vella Bardon.

Illi klawsola 2(3)(c) tal-odjern kuntratt tistipula li l-ispejjez kollha tal-minuri, ossia Matthew u Daniel Brown, relatati ma' edukazzjoni, sahha u safar ghandhom jiġu mhallsa fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

Illi l-intimat naqas li jottempora ruhhu ma' dak dispost f'din il-klawsola u dan minkejja diversi rikjesti mir-rikorrenti f'dan is-sens.

Illi l-intimat ghandu hlas b'lura f'dan is-sens minn April tas-sena l-ohra, u dan il-hlas jammonta ghas-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u sittin euro u erbghin ċenteżmu (€3,265.40).

Illi stante li l-intimat baqa inadempjenti ghal dan iz-zmien kollu, bi ksur ta' ftehim kuntrattwali, ir-rikorrenti kellha tirrikorri ghall-din il-kawza.

Ghaldaqstant, u in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-intimat Simon Brown bhala debitur tal-esponenti fis-somma fuq indikata u sussegwentement jordu jeffettwa dan il-hlas, inkluż bl-imghaxijiet relattivi u bl-ispejjez ta' din il-kawza fl-intier taghhom".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-30 ta' Jannar, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament il-konvenut jeccepixxi li din l-azzjoni kellha tiġi intavolata f'sede differenti in kwantu hija relatata mal-Qorti tal-Familja u dan it-Tribunal m'ghandux ġurisdizzjoni;

2. Illi mhux minnu li l-konvenut ghandu jhallas flus lill-attrici u dan minhabba li hu dejjem hallas is-sehem tieghu, inkluż safra tal-futbol Turin fejn qatt ma thallas mill-attrici tas-sehem taghha;

3. Illi l-konvenut dejjem hallas lill-attrici u jinkombi fuq l-attrici li taghti r-ricevuti tal-hlasijiet li allegatament ghamlet u li l-konvenut lest ihallas jekk dawn verament dovuti".

Ra l-verbal datat 15 ta' Lulju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta’ €3,265.40c, liema somma hija dovuta lilha bis-sahha tal-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejnha u bejn l-intimat fit-28 ta’ April, 2012 fl-atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon. L-intimat wieġeb ghal istess talba billi fl-ewwel lok qal li din l-azzjoni kellha tiġi intavolata f’sede differenti in kwantu hija relatata mal-Qorti tal-Familja u dan it-Tribunal m’ghandux ġurisdizzjoni. Qal ukoll li huwa ma ghandux x’jaghti lir-rikorrenti u dan minhabba li hu dejjem hallas is-sehem tieghu, inkluż safra tal-futbol Tunes fejn qatt ma thallas mir-rikorrenti tas-sehem taghha u finalment qal li huwa dejjem hallas lir-rikorrenti u jinkombi lilha li taghti r-ricevuti tal-hlasijiet li allegatament ghamlet u li huwa lest ihallas jekk dawn verament huma dovuti.

Ikkunsidra;

2. L-intimat fl-ewwel eċċezzjoni tieghu jqanqal il-kwistjoni li din hija kwistjoni relatata mal-Qorti tal-Familja u li dan it-Tribunal ma ghandux ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dan il-kaz. It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni. Ir-rikorrenti qeghda tibazza t-talba taghha ghal ġbir ta’ dak li huwa dovut mill-intimat fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 28 ta’ April, 2010 fl-atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon. Ma hemm l-ebda kwistjoni dwar dan il-kuntratt jew dwar ir-relazzjoni tal-partijiet jew uliedhom. Ma hemm l-ebda talba biex jitbiddel jew jiġi modifikat xi parti minn dan il-kuntratt. It-talba li resqet ir-rikorrenti quddiem dan it-Tribunal hija kawża sempliċi ta’ hlas ta’ ammonti a bażi ta’ kuntratt u konsegwentement dan it-Tribunal ghandu l-kompetenza u ġurisdizzjoni mehtiega biex jiddeċiedi dan il-kaz. Konsegwentement, qieghed jichad it-talba ta’ l-intimat f’dan ir-rigward.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Fit-8 ta' Frar, 2013 ir-rikorrenti esebit lista ta' riċevuti. It-Tribunal qieghed jindika l-imsemmija lista fis-segwenti tabella ghal facilita.

| **Xahar** | **Spejjez li saru** | **Ammont diviż bejn tnejn** | **Fol tal-process fejn her lista dettaljata u r-refe tad-dokument** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| April, 2012 | €490.70c | €245.35c | 11 (dok. JD 1) |
| Mejju, 2012 | €3,147.30c | €1,573.65c | 12 (dok. JD 2) |
| Gunju, 2012 | €125.49c | €62.75c | 16 (dok. JD 3) |
| Lulju, 2012 | €231.35c | €115.68c | 18 (dok. JD 4) |
| Awissu, 2012 | €135 | €67.50c | 20 (dok. JD 5) |
| Settembru, 2012 | €1,214.12c | €607.06c | 21 (dok. JD 6) |
| Ottubru, 2012 | €145.73c | €72.87c | 26 (dok. JD 7) |
| Novembru, 2012 | €146.65c | €73.33c | 28 (dok. JD 8) |
| Dicembru, 2012 | €745.65c | €372.83c | 32 (dok. JD 9) |
| | | | |
| **Total** | **€6,381.99c** | **€3,190.99c5** | |

4. Ir-rikorrenti qalet li hi u l-intimat kienu nfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' April, 2010 fl-atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon. Hija ghamlet referenza ghal klawsola numru 2 sub-paragrafu 3 ta' l-imsemmi kuntratt li jghid testwalment hekk:

"*2. (3) Illi dwar manteniment jiġi miftiehem is-segwenti, ossia:*

*a) Ir-ragel ghandu jaghti lill-mara manteniment mensili ghal minuri fir-rata ta' mitejn u tmenin euro (€280.00) fix-xahar, pagabbli in kwantu ghal mija u erbghin euro (€140.00) ghal kull minuri.*

*b) Illi l-mara ghandha tiehu kull assistenza soċjali ghal minuri;*

*c) Illi l-ispejjez kollha tal-minuri ta' edukazzjoni (inkluż privatijiet, uniformijiet, sports, transport u affarijiet ohra relatati), sahha, safar eskluż dak mal-genituri rispettivi u ohrajn tal-minuri ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.*

*d) Illi l-manteniment hawn fuq indikat ghandu jitqies bhala dejn ċivili li huwa ċert, likwidu u dovut, u ghnadu jithallas fl-ewwel (1) ta' kull xahar*" (fol. 40-41)

5. Mistoqsija mit-Tribunal ta' liema xahar l-intimat ghadu ma hallasx sehemhu, r-rikorrenti qalet li "*... minn April sa Dicembru ma hallas xejn ghajr ghal sehmu mill-O Levels liema ammont jiena kont hallast f'Dicembru tal-elfejn u tnax (2012)*" (fol. 37). L-intimat hallas sehmhu mill-ammont ta' €450 (ghal O'Levels hawn appena msemmija) f'Jannar, 2013 u ghalhekk, tghid ir-rikorrenti "*... l-ammont ta' sebgha mija hamsa u erbghin ewro u hamsa u sittin ċenteżmu (€745.65c) u li hemm indikat fid-dokument JD9 a fol. 32 tal-process illum il-gurnata ma ghadux korrett u jrid jitnaqqas minnu s-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450) ghall-kumplament tal-affarijiet huwa ma hallasnix*" (fol. 37-38).

6. B'referenza ghall-vjagg li binhom minuri Daniel kien ghamel ġewwa Turin, ir-rikorrenti tghid li żewġha l-intimat kien baghat lill-imsemmi minuri Turin minghajr il-kunsens taghha. Fil-fatt tghid li "*jiena ma kontx naf fejn kien sejjer it-tifel fil-fatt mort il-hanut ta' żewġi u staqsejtu x'kien qieghed jiġri ghar-rigward tat-tifel*" (fol. 38).

7. Minkejja li l-intimat gie ordnat mit-Tribunal fl-20 ta' Marzu, 2013 sabiex permezz ta' nota, notifikata lill-kontro-parti huwa jindika ma liema riċevuti qieghed jaqbel minn

dawk ippreżentati mir-rikorrenti permezz tan-nota taghha datata 8 ta' Frar, 2013, huwa baqa ma ghamilx dan.

8. Dan l-ezercizzju sar imbaghad fix-xhieda tieghu minnu moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' April, 2013. Ghal fini ta' pratticita, t-Tribunal sejjer jelenka ukoll tabella biex jiġi indikat, skond ma xehed l-intimat, fejn jaqbel u fejn ma jaqbilx ma l-imsemmija ammonti.

| **Xahar** | **Spejjez li saru** | **Ammont diviż bejn tnejn** | **Ammont li l-intimat qi jaqbel li huwa ghandu j nofsu** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| April, 2012 | €490.70c | €245.35c | €410.70 |
| Mejju, 2012 | €3,147.30c | €1,573.65c | €3,035.30c |
| Gunju, 2012 | €125.49c | €62.75c | €18.99c |
| Lulju, 2012 | €231.35c | €115.68c | €55.65c |
| Awissu, 2012 | €135 | €67.50c | €0 |
| Settembru, 2012 | €1,214.12c[1] | €607.06c | €719.12c |
| Ottubru, 2012 | €145.73c | €72.87c | €45.73c |
| Novembru, 2012 | €146.65c | €73.33c | €26.65c |
| Dicembru, 2012 | €745.65c[2] | €372.83c | €19.65c |
| | | | |
| **Total** | | | **€4,331.79c** |

[1] Mill-ammont reklamat mir-rikorrenti ta' €1,214.12c ghax-xahar ta' Settembru, 2012 irid jitnaqqas l-ammont ta' €370 u dan peress li l-intimat hallas dan l-ammont permezz ta' cheque datat 9 ta' Jannar, 2013 (dok. SBX1 a fol. 50). B'hekk jiġi l-ammont ta' €844.12c. Ovvjament, ir-rikorrenti ghandha tghaddi nofs l-imsemmi ammont ta' €370 lill-intimat.

[2] Mill-ammont reklamat mir-rikorrenti ta' €745.65c ghax-xahar ta' Dicembru, 2012 irid jitnaqqas l-ammont ta' €450 u dan peress li l-intimat hallas sehemhu minn dan l-ammont. B'hekk jiġi li r-rikorrenti qeghda tirreklama l-hlas ta' nofs l-ammont ta' €295.65c minghand l-intimat.

9. Minn din it-tabella hawn fuq riportata jirrizulta li l-intimat qieghed jaqbel li huwa jhallas nofs is-somma ta' €4,331.79c u cioe l-ammont ta' €2,165.90c.

10. Is-segwenti huma l-oggetti li l-intimat qieghed joġġezzjona li jhallas ghalihom.

i. Lezzjonijiet tal-Vjolin u affarijiet konnessi ma' l-istess, inkluż eżamijiet u dan peress li huwa qatt ma gie kkonsultat mir-rikorrenti dwar dan. Dawn jammontaw komplessivament ghall-ammont ta' elf mija u ghoxrin euro u ghoxrin ċenteżmu ta' euro (€1,120.20c).

ii. Spejjez ghall-o*utings* u dan peress li huwa jikkontendi li dan l-ammont huwa kompriża fl-ammont ta' manteniment li huwa jhallas lir-rikorrenti ghall-minuri uliedhom. Dawn jammontaw komplessivament ghall-ammont ta' tmienja u disghin euro (€98).

iii. Spejjez in konessjoni mal-Luxol Presentation tal-minuri Daniel. F'din l-okkazzjoni r-rikorrenti harget is-somma ta' tnax-il euro (€12).

11. Dwar il-kwistjoni tal-lezzjonijiet tal-vjolin u l-affarijiet l-ohra relatati t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed l-istess intimat fis-sedutata' l-10 ta' April, 2013 meta qal li "*jiena nikkonferma li ibni ilu jmur ghal dawn l-ahhar sitt snin il-lezzjonijiet tal-vjolin dak nafu però ma nafx il-frekwenza u allura meta r-rikorrenti tghid illi per eżempju f'Gunju mar tmien darbiet jiena jkolli noqghod fuq il-kelma taghha. Jekk ikolli dawn l-ircevuti allura jiena nhallas sehmi*" (fol. 48). Issa r-rikorrenti obbligat lilha nnifisha fis-seduta tal-10 ta' April, 2013, sabiex "*... mil-lum il-quddiem tibda tinforma lil intimat permezz ta' email dak li jkunu qeghdin jaghmlu uliedhom sabiex b'hekk ma jkunx hemm malintizi*" (fol. 45). Oltre dan, jirrizulta li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fit-28 ta' April, 2010 u allura meta l-minuri Matthew beda jattendi ghal dawn il-lezzjonijiet l-intimat kien jaf bihom u kien qabel li jattendi. Mhux sew

però li r-rikorrenti ma tghidx lill-intimat dak li jkun qieghed jaghmel il-minuri ghar-rigward tal-lezzjonijiet tal-vjolin u ma tinfurmahx meta qieghed jattendi u li ma tghaddilux kopja tar-ricevuti relattivi. It-Tribunal, sejjer jordna lill-intimat ihallas nofs dan l-ammont lir-rikorrenti bl-intendiment car li hija ghandha tibda tghaddilu r-ricevuti ghall-istess attendenza.

12. Ghar-rigward ta' l-ammonti l-ohra u cioe dak ta' €98 (outings) u €12 (luxol presentation) ir-rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' nofs dawn l-ammonti u cioe l-ammont ta' €55. Dwar l-ewwel ammont, l-intimat ighid li dan huwa kompriża u nvolut fil-manteniment tal-minuri u allura huwa ma ghandu jhallas xejn mentri fir-rigward tat-tieni ammont, peress li r-rikorrenti ma qaltlux li binhom kellhu *presentation* il-Luxol tal-football, u huw ma attendiex, allura huwa ma ghandux ihallas tali ammont. L-Artikolu 19 tal_Kodici Civili jistipula li "*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni u (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħ ħa u għalledukazzjoni tagħhom*". Mela min din id-disposizzjoni jirrizulta li fil-manteniment jidhlu l-affarijiet hawn imsemmija. *Outing* per se ma jidholx. Pero t-Tribunal jifhem li l-*outings* saru in konnessjoni ma' l-edukazzjoni tal-minuri u allura meta fil-kuntratt minnhom bonarjament iffirmat il-partijiet kienu qablu "***<u>Illi l-ispejjez kollha tal-minuri ta' edukazzjoni</u>*** *(**<u>inkluż</u>** privatijiet, uniformijiet, sports, transport **<u>u affarijiet ohra relatati</u>**), sahha, safar eskluż dak mal-genituri rispettivi u ohrajn tal-minuri ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet*" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal) l-istess partijiet kienu qeghdin jaqblu li l-ispejjez ghall-*outings* kellhom jiġu diviżi bejniethom b'mod ugwali ukoll. Allura anke nofs l-ammont ta' €98 huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti.

13. Dwar nofs it-€12 li r-rikorrenti titlob bhala hlas minghand żewġha l-intimat, ghall-presentation tal-Luxol, it-Tribunal mhux ser jilqa din it-talba ghal hlas ta' nofs l-imsemmi ammont u dan peress li r-rikorrenti qatt ma nfurmat lill-intimat b'din l-attivita.

14. Jirrizulta li l-intimat hallas sehemhu mill-erba mija u hamsin euro li r-rikorrenti hallset f'Dicembru, 2012 u allura dan l-ammont ghandu jiġi mnaqqas mill-ammont pretiz ta' Dicembru, 2012 u t-Tribunal mhux ser jaghtu kasu ghall-finijiet ta' kalkoli ta' l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti.

15. Mela b'kollox sa issa l-intimat irid ihallas nofs l-ammont komplessiv ta' €5,549.99c[3] u cioe l-ammont ta' elfejn seba' mija erbgha u sebghin euro u disgha u disghin ċenteżmi ta' euro (€2,774.99c).

16. L-intimat esebixxa cheque mahrug lil Mifsud Garage ghat-trasport tal-minuri datat 9 ta' Jannar, 2013 fl-ammont ta' €370. Dan l-ammont ukoll ghandu jiġi ridott mill-ammont mitlub ghax-xahar ta' Settembru, 2012 u r-rikorrenti trid taghti nofs dan l-ammont lill-intimat.

17. Mela mill-ammont ta' €2,774.99c irid jitnaqqas nofs l-ammont ta' €370 u cioe €185c biex b'hekk jiġi li l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' elfejn hames mija disgha u tmenin euro u disgha u disghin ċenteżmi ta' euro (€2,589.99c).

18. Illi l-intimat fit-tieni eċċezzjoni tieghu jghid li huwa ma ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti u dan minhabba li huwa dejjem hallas is-sehem tieghu. Diga rajna li din l-ewwel parti tat-tieni eċċezzjoni ma ghandhiex mis-sewwa u qeghda tiġi michuda. Dwar it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni, l-intimat ma ressaq l-ebda prova dwar xi spejjez kien hemm ghas-safra li ghaliha mar il-minuri ġewwa Turin biex jilghab il-*football*. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din it-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni.

---

[3] €4,331.79 (ma dan l-ammont l-intimat qabel skond ma xehed fl-10 ta' April, 2013) + €1,120.20 (violin lessons u affarijiet relatati ma' l-istess) + €98 (*outings*).

19. Fit-tielet eċċezzjoni tieghu, l-intimat ighid li huwa dejjem hallas lir-rikorrenti u kien jinkombi lilha li taghti r-ricevuti tal-hlasijiet li allegatament ghamlet u li hu lest ihallas jekk dawn verament dovuti. Diga rajna li hemm ammonti dovuti u konsegwentement l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti tali ammonti. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn hames mija disgha u tmenin euro u disgha u disghin ċenteżmi ta’ euro (€2,589.99c) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont li jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------